Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TA' l-ERBGĦA U TLETIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 23 ta' Ġunju 2010

**Ħin:** Mis-5.47pm sat-8.00pm

**Prezenti:** It-Tabib John Zammit Montebello (wasal fis-6.07pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea (wasal fis-5.55pm)
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur J. Cassar
L-Avukat Trevor De Giorgio

Peres li la s-Sindku u lanqas il-Viċi-Sindku ma kienu waslu, l-laqgħa bdiet wara li l-Kunsillier l-aktar anzjan , is-Sur G. Borg ħa s-siġġu.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tlieta u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tlieta u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 2 ta' Ġunju 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tat-Tlieta u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 2 ta' Ġunju 2010 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Peres li f'dan il-ħin wasal, il-Viċi-Sindku, huwa ħa s-siġġu u ffirma l-minuti flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti.**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi xtaqet tiċċara l-kwistjoni ta' x'għid il-kuntratt dwar l-erba' *bins* tal-*bring-in-site* ta' Wesgħa l-Prof. Guze Aquilina li nħarqu fil-lejl ta' l-14 ta' Mejju 2010. Il-kuntratt jgħid li l-WasteServ tista titlob *top-up* ta' €50 għal-kull *bin* għal-zmien il-kuntratt biex jagħmel tajjeb għal-ħsara.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunisll illi talbet lill-kuntrattur jagħtina stima biex titqiegħed *armco barrier* quddiem *Macey Store* u kien għadha qed tistenna l-kwotazzjoni biex tiġi ordnata. Hija nnutat li l-kuntrattur li wkoll jissuplixxi ż-żebgħa u tabelli li qed jiżbugħ u jwaħħlu l-ħaddiema tal-Kunsill xejn ma huwa kuntent li l-ħaddiema tal-Kunsill qed jieħdu x-xogħol tagħhom u diġa qed jagħmel pressjoni mal-Ministru biex ix-xogħol tal-kuntrattur ma jsirx mill-ħaddiema li huma ssekondati mal-Kunsill.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-ittra li ngħatat lir-residenti ta' Triq il-Kbira bejn Triq San Frangisk u l-pjazza u Sqaq Numru 1 fi Triq il-Kbira. Hija nnutat li bi żball tħalliet barra l-ittra li ntbagħtet lill-MEPA u l-għada tal-laqgħa kienet ser terġa tibgħatilhom l-ittra korretta kif ġie deċiz mill-Kunsill (mehmuza).

4. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi nhar it-Tlieta, 15 ta' Ġunju 2010 fil-prezenza tal-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea kellha laqgħa mal-Perit Lorraine Cassar tat-Transport Malta dwar l-estenzjoni ta' Triq Antonio Bosio u bankini ġodda fi Triq Sigismondo Dimech u Triq Balaguer, fejn bqajna li kif jitneħħa t-trakk li qed jostakola t-triq lit rid tinfetaħ, jitneħħa t-terrapien mit-triq u l-bankini jsiru kif tiġi allokata t-*tender* mit-Transport Malta. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi ċemplet l-għassa diversi drabi u anki kitbet lis-Superintendent imma s-issa t-trakk hemm għadu u ma jistax isir ix-xogħol.

5. Wara t-talba li saret miċ-Ċentru taż-Żagħżagħ biex jinħareġ permess u tingħata għajnuna biex titella' l-attivita' fit-18 ta' Ġunju, u dan mingħajr avviż fi żmien biżżejjed minn qabel kif titlob il-liġi, is-Sindku u l-Viċi-Sindku attendew għal-laqgħa mad-Direttur taċ-Ċentru biex tissolva l-problema u fil-fatt il-permess inħareġ, imma l-istess organizaturi eventwalment ħassru l-laqgħa għax ma kienx hemm biżżejjed bejħ ta' biljetti u issa qed jitolbu li l-Lejla ta' Varjeta' issir fl-1 ta' Lulju 2010, ġimgħa biss qabel il-Lejla Balzanija li jorganizza l-Kunsill. Għaldaqstant l-iskop li ssemmiet il-materja huwa jekk jinħariġx il-permess u jekk il-Kunsill hux ser jipparteċipa fl-organizazzjoni ta' l-attivita'. Dwar jekk il-Kunsill għandux jieħu sehem fl-organizazzjoni ittieħed vot fejn erba' voti kienu favur u l-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea vvota kontra u talab li l-vot tiegħu jitnizzel fil-minuti. Il-Kunsill iddeċieda li jħallas l-ispejjes ta' żewġ pulizija bħala s-sehem tiegħu fl-organizazzjoni ta' l-attivita' jekk l-organizatturi jaċċettaw li l-Kunsill ikun parteċipi fl-organizazzjoni ta' l-attivita' billi r-rapprezentant tal-Kunsill, Dr. T. DeGiorgio, ikun involut fid-deċizjonijiet u żviluppi.

**Fis-6.50pm il-Kunsillier G. Borg talab li jkun skuzat.**

6. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi wara li nħareġ il-permess tal-MEPA bin-numru 5942/08 dwar żvilupp fil-post indikat bħala "52/2 Providence Street, Balzan", liema lok ma jeżistiex, il-Kunsill unanimament iddeċieda fuq mozzjoni tal-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar, li jappella mid-deċizjoni tal-MEPA fuq żewġ punti, u cioe' li l-applikant indika post li ma jezistiex u għaldaqstant min xtaq joġġezzjona ma kellux l-opportunita' u fuq il-punt li jista jkun li ċertu żvilupp ma jkunx jista jsir fil-lok kieku l-lok kien indikat sew. Qabel ma ħa deċizjoni li jagħmel appell, is-Segretarju Ezekuttiv infurmat liIl-Kunsill illi l-proċedura biex isir appell hija li trid tintbagħat ittra permezz ta' avukat jew perit, tingħata kopja tal-permess u *site plan* u titħallas is-somma ta' €186.35 u dan fi żmien 30 ġurnata minn meta inħareġ il-permess. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi jista jkun li biex isir appell wieħed ikun ried ikun daħħal oġġezzjoni fiż-żmien stipulat qabel ittieħdet id-deċiżjoni, dan il-punt għad irid jiġi vverifikat mill-avukat tal-Kunsill.

7. Dwar Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio ssuġġerixxa li nikkonsultaw mal-Greenpak biex naraw kif nistgħu naħdmu flimkien biex intellaw kampanja bil-għajnuna tagħhom li tippromuovi ndafa u *waste separation*.

8. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi t-tqassim ta' boroz mill-*Greenpak* fid-djar tlesta u min ma sabuħx id-dar issa jista jitla' l-Kunsill għal-boroz billi jipprezenta l-karta li tħalliet fid-djar apposta.

9. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi ser titella' MINIGIG sponsorjata mid-ditti GO, Dhalia u BOV u din ser tikkonsisti minn operetti kantati minn studenti ta' l-opera l qed jistudjaw barra minn Malta u din ser issir wara l-quddiesa tal-5.30pm fit-22 ta' Awwissu u kull ma hemm bżonn minn naha tal-Kunsill huwa li nirreservaw *parking space* għal-karozza waħda.

10. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Gvern alloka nofs l-ispejjes stmati biex issir Gazebo fil-*playing field* u biex tiġi restawrata l-istatwa ta' Santa Marija li tinsab fi Triq il-Kbira.

    Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill żewġ dokumenti *draft* għall-approvazzjoni tal-Kunsill, dawn ingħataw lill kull kunsillier qabel il-laqgħa (mehmuza).

    Id-dokumenti huma intenzjonati biex tinħareġ sejħa għal-kwotazzjonijiet biex isir ix-xogħol. Il-Kunsill iddeċieda li jsiru emendi biex fil-kaz tal-Gazebo ikun speċifikat li din għandha tinkludi bank, sistema ta' dawl, twaħħil fuq il-post u jkun indikat x'tip ta' materjal ikun ser jintuza. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha toħroġ sejħa għall-kwotazzjonjiet wara li jsiru dawn l-emendi u jingħata zmien sas-6 ta' Awwissu biex jintefaw il-kwotazzjonijiet issiġillati.

## 3. <u>Korrispondenza.</u>

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn it-3 ta' Ġunju 2010 u it-23 ta' Ġuinju 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ippreżentata li jġib id-data tat-23 ta' Ġunju 2010 (mehmuza).

**Ittra Numru 537/10:** Il-lista ta' applikazzjonijiet ġodda li ġew ipprezentati lill-MEPA ġiet innutata.

**Ittra Numru 534/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Kompetizzjoni Ewropea li tippremja inizjattivi li ttieħdu biex tintuża enerġija alternattiva ġiet innutata. Dr. T. DeGiorgio nnota li ma għandniex għajnuna mill-MEUSAC din id-darba għaldaqstant ma nistawx napplikaw.

**Ittra Numru 525/10:** Kopja ta' l-ittra mill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Patt tas-Sindki għanda tingħata lill-Kunsillier, Dr. T. DeGiorgio.

**Ittra Numru 517/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema ta' Finanzjamnet għal-Lokalitajiet Sostenibbli ġiet innutata. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi huwa attenda għall-ewwel laqgħa li saret fejn ġie miftiehem kif ser issir il-ħidma li ser tkun maqsuma fuq promozzjoni u edukazzjoni.

**Ittra Numru 509/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Fondi Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 immirata għal-Kunsilli Lokali ġiet innutata.

**Ittra Numru 508/10, 504/10 u 503/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema ta' Finanzjamnet għal-Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Zgħar ġiet innutata.

**Ittra Numru 507/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Proċedura dwar Mistoqsijiet Parlamentari ġiet innutata.

**Ittra Numru 506/10:** L-ittra mill-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari Dr. C. Said dwar laqgħa mitluba mill-Kunsill ġiet innutata. Il-laqgħa ser issir fit-28 ta' Lulju 2010 fid-9.00am fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li ssir żjara lill-Football Ground u liċ-Ċentru taż-

Żagħzagħ wara l-laqgħa imbad ninzlu Triq il-Providenza u Triq il-Kbira fejn qed jiġi propost li jsir zvilupp, fuq liema applikazzjonijiet il-Kunisll qed ikollu jaħli ħafna ħin biex isiru oġġeżjonijiet lill-MEPA.

**Ittra Numru 505/10:** L-ittra mil-President Kumitat tar-Reġjun dwar ħatra ta' Segretarju tar-Reġjun ġiet innutata.

**Ittra Numru 502/10:** L-ittra mit-Transport Malta dwar *un/loading bay* fi Triq il-Kbira quddiem is-Sala Aurora ġiet innutata.

**Ittra Numru 499/10:** L-ittra mill-Prinċipal ta' l-iskola Santa Tereza dwar Healthy Lifestyle Focus Group.

**Ittra Numru 498/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Regolamenti tal-2002 dwar Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill Lokali ġiet innutata.

**Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-ħames minuti fis-7.20pm.**

## 4. Kwotazzjoni għal-preparazzjoni ta' SEAP Report.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, l-iskeda ta' kwotazzjonijiet u l-*file* bil-kwotazzjonijiet li ntefgħu għal-preparazzjoni tar-rapport SEAP (mehmuz).

Fuq mozzjoni tas-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio, il-Kunsill unanimament iddeċieda jalloka x-xogħol lid-ditta D. Consulta Ltd peres li din id-ditta pprezentat l-irħas offerta u fl-istess ħin id-dokumenti li ġew ipprezentati jidhru l-aktar professjonali.

## 5. Kwotazzjoni għal-Doggie Litter Bins.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, l-iskeda ta' kwotazzjonijiet u l-file bil-kwotazzjonijiet li waslu għax-xiri ta' *Doġġie Litter Bins* (mehmuz).

Fuq mozzjoni tal-Viċi-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier, is-Sur J. Cassar, il-Kunsill unanimament iddeċieda jalloka x-xogħol lid-ditta SR Environmental Ltd peres li din id-ditta pprezentat mudell ta' *bin, il-Fido 25,* li jidher l-aktar addattat u bi prezz raġonevoli.

## 6. Kommunikazzjoni tas-Sindku.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ġie avviċinat mill-Volksbank biex issir attivita' flimkien mal-Kunsill fosthom il-possibilita' ta' *twinning* u ser ikollu laqgħa biex din il-materja tiġi diskussa.

## 7. Rapport dwar l-ilmenti.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport dwar l-ilemnti pendenti li jġib id-data tat-23 ta' Ġunju 2010 (mehmuz).

**Ilment Numru 17010059126125:** Talba biex titbaxxa l-bankina quddiem garaxx fi Triq Idmejda. Il-Kunsill unanimament qabel li ma għandux oġġezzjoni li titbaxxa l-bankina sakemm din isir għas-spejjes tal-persuna li qed tagħmel it-talba, sakemm ix-xogħol isir skond is-sengħa u cioe' bl-ebda mod ma għandha ssir rampa li taqleb għat-triq u sakemm il-wiċċ ma jkunx jizloq u ta' periklu għal-min jimxi fuqha.

**8. Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said.**

Il-materja ġiet diskussa aktar kmieni waqt il-qari tal-korrispondenza.

**9. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-23 ta' Ġunju 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €17,788.49. . . .

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mis-Sindku li kien issekondat mill-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea.

Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**10. Affarijiet Oħra.**

Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea nnota li llum ħa l-quddiesa persuna minn Ħal Balzan f'dan il-ħin li għaddejja l-laqgħa tal-Kunsill, huwa nnota li l-Kunsill kien mistieden imma ma kienx irrapprezentat minħabba l-laqgħa u kien xieraq li tintbagħat tifkira ta' l-okkazjoni. Il-Kunsill qabel unanimament u għanda tinxtara xi ħaġa għall-okkazjoni.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 21 ta' Lulju 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Ms. M. Zammit** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data